

# Il-Kult Ġużeppin fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi

*Mario Fenech*

Madwar il-Gżejjer Maltin għandna bosta knejjes, fratellanzi, kwadri, niċeċ fit-toroq, għaqdiet mużikali u tant sinjali oħra li jfakkruna kemm hija kbira d-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Malta.

Fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi waħda mill-Fratellanzi li hemm imwaqqfa hija taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp. Din hija l-Ħames u l-aħħar waħda li twaqqfet f'din il-Knisja, iżda ma hemm l-ebda dokument bid-data eżatt tat-twaqqif tagħha. Li nafu hu li din il-Fratellanza ġiet imwaqqfa wara li kienet twaqfet il-Fratellanza ta' San Mikiel fis-sena 1739.

Għalkemm kienet tieħu ħsieb torganizza l-Festa ta' San Ġużepp u taħdem biex ixxerred il-Kult Ġużeppin f'Ħal Qormi, il-Fratellanza ma kellhiex jedd fuq l-Altar ta' San Ġużepp li kien hemm fil-Knisja.

Kellha tasal is-sena 1847 biex il-Fratellanza bdiet tieħu ħsieb l-Altar ta' San Ġużepp li sa dakinhar kien Gus Patronat tal-Familja Prematt.



Il-membri tal-Fratellanza bdew jaħdmu biex l-Altar ta' San Ġużepp ma jkun jonqsu xejn. Sar sett gandlieri tal-metall arġentat għall-altar ta' San Ġużepp u l-lampier tal-fidda fuq id-disinn ta' Manwel Buhagiar (1876-1962). Inħadmet ukoll sopra tvalja rrakmata għall-altar fuq disinn tat-Tabib Nikola Zammit mis-Siġġiewi.

Fl-aħħar snin tas-Seklu Għoxrin fil-Purċissjoni bħal f'kull purċissjoniji oħra li kienet issir kienet iddoqq il-Banda "San Ġorġ Martri".

Il-Kwadru ta' fuq l-altar ta' San Ġużepp huwa xogħol tal-artist Ġużeppi Calì. F'din it-tila, l-artist lil San Ġużepp ippreżentah bħala Patrun tal-Knisja Universali. Sar lejn is-sena 1888 u ħallset għalih il-Fratellanza ta' San Ġużepp. B'xorti tajba meta sar xogħol ta' dekorazzjoni ġdida fil-Knisja dan il-kwadru ma ġiex mibdul bħas-seba' kwadri ta' altari l-oħra.

Fl-1903, l-ewwel statwa ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Ħal Qormi sarulha d-Dijademi u l-Bastun tal-fidda li kien ħallas għalihom Dun Ġużepp Abela s-somma ta' 35 lira sterlina. Inħadmu mill-Arġentier Betru Canataci.

Fis-sena 1908, il-Fratellanza żanżnet l-istatwa ta' San Ġużepp. Din saret fil-kartapesta mill-Istatwarju Qormi Ġużeppi Cilia mlaqqam 'Il-Bellettu'. Din saret minflok dik li kien hemm qabel li mbagħad ġiet meħuda fid-Dar ta' San Ġużepp f'Santa Venera.

L-altar tal-irħam sar mal-altari l-oħra tan-navi bejn is-sena 1923 u s-sena 1927. Tħallas mill-aħwa Coleiro, inħadem mill-marmista Pawlu Micallef u sewa s-somma ta' 75 lira sterlina.

Il-Fratellanza ta' San Ġużepp kienet ilha biex tagħmel statwa ġdida ta' San Ġużepp għall-purċissjoni li torganizza. Għal dan l-għan, wara li f'Ħal Qormi sar tibdil kbir fil-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira, il-fratelli ordnaw statwa ġdida ta' San Ġużepp mingħand id-Ditta Perathoner ta' Bolzano.

Din l-istatwa waslet Ħal Qormi fis-sena 1963 filwaqt li dik li kien hemm qabel tpoġġiet f'niċċa fis-sagristija. L-istatwa l-ġdida għandha l-pedistall tal-istatwa l-antika li kien sar mid-Ditta "Mallia and



Xuereb" tal-Belt fuq disinn tal-Bormliż Abraham Gatt.

Id-dijademi u l-bastun tal-fidda ta' din l-istatwa huma wkoll l-istess li kellha l-istatwa l-antika. Il-gastri tal-fidda bil-fjuretti tal-ganutell huma wkoll tal-istatwa li kienet tintuża qabel.

Il-Fratellanza ħadet ħsieb ukoll li tagħmel bankun ġdid għas-salib u l-lanterni tal-purċissjoni fl-1990. Ix-xogħol tal-injam sar minn Tonio Zammit u l-iskultura minn Ġorġ Cardona. Din l-istatwa ta' San Ġużepp matul is-sena tinżamm f'niċċa kbira f'waħda mid-daħliet tan-naħa tal-lemin tal-Korsija faċċata ta' niċċa oħra li fiha tinżamm l-istatwa titulari ta' San Ġorġ xogħol l-iskultur Pietro Felici.

Fratellanza oħra li taħdem ħafna biex iżżomm ħaj il-Kult Ġużeppin f'Malta.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

J. Caruana

PANEL BEATING
(Low Oven Bake)
SPRAY PAINTING



Garage No. 8,
Dalli Industrial Estate,
Tarxien Road, Gudja.

Tel: 2166 5257
Mob: 9947 0521 / 7940 2626
E-mail: j23caruana@onvol.net

VESTRO
Cut

STOCKISTS OF ALL TYPES
OF GLASS & MIRRORS
BEVELLING & POLISHED
EDGES & FRAME MAKER

**Paul Gatt**
*Director*

Triq Gius. Caruana,
Żejtun Tel. 2169 2794
Stores: 41, St. Catherine Street,
Żejtun Mob. 9949 9870